GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦAL-LITTERIŻMU DIĠITALI U ĦILIET TRANSVERSALI

# ĊIRKULARI

**Data:** **20 ta' Frar 2023** **Ref: DDLTS 8/2023**

**Għal:** **Kapijiet tal-Iskejjel (tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja) u Sezzjonijiet**

**Minn:** **Servizz ta' Appoġġ Nazzjonali tal-eTwinning**

**Suġġett:** **Stedina għal eTwinning Seminar Ewropew ġewwa Malta**
**'Innovation and Education - Being Creative with eTwinning'**

---

L-Organizzazzjoni Nazzjonali ta' Appoġġ għall-eTwinning (NSO) qed jistieden edukaturi li jgħallmu fil-livell Primarju u Sekondarju minn skejjel kemm tal-istat kif ukoll dawk indipendenti jew tal-knisja biex jattendu seminar tal- eTwinning li se jsir Malta f'April 2023. Għal dan is-Seminar se jattendu edukaturi minn madwar 11-il pajjiż Ewropew.

**Post**: Paradise Bay Hotel, Cirkewwa.

**Dati**: 20-21-22 t'April 2023 Is-Seminar se jibda fl-16:00 il-Ħamis 20 t'April 2022 u jispiċċa is-Sibt 22 t'April fl-13:00
L-akkomodazzjoni u l-ispejjeż tas-seminar u se jkunu kollha koperti mill-NSO tal-eTwinning. Il-parteċipanti se jingħataw *eTwinning Introductory Pack.*

**Għan tas-Seminar**: Li niltaqgħu ma' għalliema minn pajjiżi differenti, nitgħallmu mill-esperjenzi ta' xulxin u nibdew proġetti tal-eTwinning ġodda.

**Is-Seminar**: It-tema tas-seminar ta ' din is-sena hija 'Innovation and Education - Being Creative with eTwinning', għalhekk, il-workshops se jiffokaw mhux biss fuq l-eTwinning bħala pedagoġija innovattiva iżda ukoll fuq l-integrazzjoni tal-Litteriżmu Diġitali u l-eTwinning fl-iskejjel fi ħdan din it-tema. Se jkun hemm ukoll attività ta ' *networking* bejn il-parteċipanti bil-għan li tħeġġeg proġetti kollaborattivi ġodda. Il- programm jinstab mehmuż ma din iċ-ċirkulari.

**Il-Kriterji:**

- Il-parteċipazzjoni hija permezz ta ' applikazzjoni onlajn fuq il-bażi ta 'min japplika l-ewwel, jintgħażel l-ewwel'.
- Edukaturi li attendew għal seminar simili tal-eTwinning f'dawn l-aħħar 3 snin mhumiex eleġibbli biex japplikaw.
- Il-parteċipanti huma mitlubin jirreġistraw fl-eTwinning - https://school-education.ec.europa.eu/en/etwinning u li jkollhom xi idea ta' proġett li jista' jiġi żviluppat u rreġistrat matul is-Seminar.

**Applikazzjoni:** L-edukaturi huma mistiedna japplikaw għas-seminar billi jimlew il-*Formola ta' Applikazzjo*ni hawn taħt sal**- Ġimgħa 24 ta' Marzu 2023.**
Ħolqa: : https://forms.office.com/e/qwZQWCzxrv
*Il-parteċipanti magħżula imbagħad jiġu kkuntattjati biex jissottomettu formola bl-approvazzjoni mill-kap tal-iskola/ kap tan-Netwerk tal-Kulleġġ, jekk applikabbli.*

**Disseminazzjoni/Aspettattivi**

- L-Edukaturi huma mistennija jaqsmu l-esperjenzi tagħhom mal-istaff/kollegi tal-iskola. Artikli ghandhom jintbgħatu lill- etwinning@ilearn.edu.mt. Dawn jistgħu jiġu ppublikati fin-*newsletter* tagħna.
- Il-parteċipanti huma mistennija li jirreġistraw proġett tal-eTwinning ma' edukatur/i Ewropej.
- L-Edukaturi magħżula huma mitluba jġibu laptop jew tablet magħhom għal dan is-seminar.

Għal mistoqsijiet jew għal aktar informazzjoni ikkuntatjana fuq 2598 1568 jew etwinning@ilearn.edu.mt

**Is-Sur Grazio Grixti**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litterizmu Diġitali u Ħiliet Transversali**